DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 30 ta' Ġunju 2015

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 146/2015

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji, Sekondarji u Ċentri tal-Kindergarten tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Gaetano Bugeja – Direttur tad-Dipartiment tal-Kurrikulu
David Muscat – Kap Eżekuttiv tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu u Uffiċjal Edukattiv tal-Malti

**Suġġett:** Il-Kampanja *Aqra fis-Sajf*

---

Huwa fatt magħruf li fis-sajf ħafna tfal u studenti, l-aktar dawk li jgħixu f'ambjenti soċjoekonomiċi mwiegħra, jinsew jew ma jibqgħux iħaddmu xi ħiliet u kisbiet mit-tagħlim li jkunu akkwistaw tul is-sena skolastika. Ir-riċerka turi li l-qari jista' jgħin lill-istudenti jżommu u jibqgħu jinqdew bil-ħiliet u l-kisbiet mit-tagħlim li jkunu kisbu matul is-sena. Għal dan il-għan, dan is-sajf, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol qiegħed iniedi l-kampanja *Aqra fis-Sajf* biex iħeġġeġ lill-istudenti kollha jaqraw kemm jifilħu. Din il-kampanja qiegħda ssir bi sħab bejn l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, il-Fondazzjoni tas-Servizzi Edukattivi, l-entità Libreriji Maltin u d-Direttorati tal-Edukazzjoni.

Biex il-kampanja tkun suċċess, l-istudenti jrid ikollhom il-kotba f'idejhom jew ikollhom aċċess għall-kotba. Għaldaqstant saru l-arranġamenti meħtieġa biex fis-sajf xi libreriji pubbliċi u tal-iskejjel iżidu l-ħinijiet tal-ftuħ tagħhom. Se jsiru wkoll attivitajiet ta' qari għall-gost għat-tfal u l-ġenituri/kustodji tagħhom waqt Skolasajf u fil-libreriji bis-sehem tal-programmi tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, *Aqra Miegħi/Read with Me*, *Seħer l-Istejjer/The Magic of Stories* u *L-Ambaxxaturi tal-Qari*.

Ir-riċerka turi li:

- L-istudenti li jaqraw fis-sajf imorru aħjar fl-iskola.
- L-istudenti li ma jaqrawx fis-sajf jitilfu l-benefiċċji ta' daqs xahrejn tagħlim li jkunu ħadu mill-iskola.
- L-istudenti li jieħdu gost jaqraw imorru aħjar fl-iskola minn dawk li ma jiħdux.
- L-istudenti li jagħżlu huma x'kotba jaqraw, jaqraw ħafna aktar kotba minn sħabhom.
- Huwa rrakkomandat li t-tfal u l-istudenti jaqraw tal-anqas 5 kotba fis-sajf.
- L-istudenti li tul is-snin tal-edukazzjoni primarja tagħhom ma jmissux ktieb bi jdejhom fis-sajf, sal-aħħar tal-primarja jaqgħu lura b'sentejn fit-tagħlim ħdejn sħabhom li jaqraw.

Fid-dawl ta' dan kollu nistiednu lill-iskejjel u l-edukaturi biex jgħaddu dawn il-linji gwida lill-ġenituri/kustodji tat-tfal u l-istudenti.

**Linji gwida għall-ġenituri/kustodji tal-istudenti biex jiżdied il-qari fis-sajf:**

- Isħqu ma' wliedkom kemm hu importanti li fis-sajf jaqraw.
- Tkellmu fuq il-qari bħala attività ta' gost.
- Lit-tfal agħtuhom lista ta' kotba tal-qari xierqa għalihom.
- Waqt il-ġurnata għandu jkun hemm ħin li fih it-tfal ma jkunux jistgħu jilagħbu logħob diġitali u/jew jaraw it-televiżjoni ħalli hekk jitħajru jaqraw.
- Uru lil uliedkom kif għandhom jaqraw billi fost oħrajn taqrawlhom.
- Ħudu lil uliedkom għal xi programm tal-qari għall-gost li se jsiru waqt Skolasajf jew fil-libreriji pubbliċi.
- Ħudu regolarment lil uliedkom f'xi librerija pubblika u ħeġġuhom jissellfu l-kotba.
- Saqsu lil uliedkom u ddiskutu magħhom il-kotba li jkunu qraw.
- Aqraw il-kotba lil u/jew ma' wliedkom.
- Isimgħu lil uliedkom jaqrawlkom il-kotba jew jirrakkontawhomlkom.
- Araw liema hu l-awtur jew serje ta' kotba għal qalb uliedkom u aqrawhom kollha.
- Intom u tivvjaġġaw jew issiefru, isimgħu ktieb jew stejjer jinqraw fuq diska kompatta, *ipod*, *tablet*, radju, eċċ.
- L-għażla tal-kotba li jkunu se jaqraw it-tfal/l-istudenti għandha ssir minnhom stess.
- Fid-djar għandu jkun hemm materjal bħal kotba u rivisti xierqa li t-tfal jistgħu jaqraw.

Mehmużin għandkom issibu listi ta' kotba bil-Malti tajbin għat-tfal u l-istudenti li l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tissuġġerixxi lill-ġenituri/kustodji, il-qraba u l-edukaturi.

Se jkunu qegħdin jitilgħu aġġornamenti fuq il-kampanja *Aqra fis-Sajf* fil-paġna tal-facebook:
https://www.facebook.com/pages/Aqra-fis-Sajf/837027316364775?skip_nax_wizard=true&ref_type=pages_you_admin

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**